16 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Alfred Pace *versus* Joseph A. Pace Axiak ne.

**Provi — Xhieda — Imħallef Supplenti — Nullità — Notifika.**

*L-eżami tax-xhieda għandu jsir "viva voce", u mhux leċitu lix-xhud ħlief li jiffriska l-memorja tiegħu b'kitba magħmula minnu nnifsu, jew minn ħadd ieħor taħt id-direzzjoni tiegħu, fiż-żmien tal-fatt li fuqu jkun qiegħed jiddeponi jew minnufih wara, jew f'kull żmien ieħor meta l-att kien frisk f'moħħu.*

*Id-depożizzjoni ta' xhud mogħtija quddiem Imħallef Supplenti hija nulla jekk tiġi mogħtija f'seduta li għaliha xi waħda mill-partijiet ma tkunx ġiet notifikata, u li fiha fil-fatt dik il-parti ma tkunx attendiet; u dan avvolja l-avukat ta' dik il-parti kien avżat li kellha ssir dik is-seduta. Għax huwa elementari li bl-attijiet tal-Qorti għandhom jiġu notifikati l-partijiet, u mhux id-difensuri.*

Il-Qorti, — Fuq it-talba ta' l-attur, magħmula bir-rikors tiegħu tat-22 ta' Marzu 1952, sabiex il-prova li saret quddiem l-Imħallef Supplenti Dottor Giuseppe Sacco fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1952 tiġi dikjarata nulla, u jiġi sfilzat ir-rapport dwar l-istat tal-makni preżentat mix-xhud Bosworth f'dik is-seduta;

Ikkunsidrat, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi l-fatti li taw lok għall-inċident huma fil-qosor dawn;

Fil-15 ta' Marzu 1952 xehed quddiem l-Imħallef Supplenti fuq imsemmi Arthur John Bosworth dwar l-istat tal-makkinarju li l-attur, kif ġie allegat. kien inkarikat jissor-

velja u jikkura fil-funzjonament tagħhom, u dak ix-xhud ipprometta li jirredigi rapport li jkun juri b'aktar dettalji "what the defects were in the adjustment of the machines";

B'rikors tas-17 ta' Marzu 1952, il-konvenut nomine talab, peress li Bosworth kien sejjer isiefer, li l-Qorti tordna lill-Imħallef Supplenti fuq imsemmi biex jirċievi l-konferma ta' l-imsemmi rapport bħala parti mix-xhieda ta' l-istess Bosworth;

Il-Qorti akkordat id-domanda, iffissat is-seduta quddiem l-*Imħallef Supplenti* għal dak inhar stess fit-3 ta' wara nofs inhar, u ordnat li dan kollu jiġi immedjatament kommunikat lill-Imħallef Supplenti;

F'dik is-seduta Bosworth ikkonferma bil-ġurament "the detailed technical statement" ta' l-istat li fih huwa sab "the principal shoe-making machines"; liema "statement" kien ġie *prodott ma' l-imsemmi rikors* tal-konvenut nomine tas-17 ta' Marzu 1952;

F'dik is-seduta deher l-avukat ta' l-attur, u għamel dikjarazzjoni fis-sens li kien ġie avżat b'dik is-seduta mill-iskrivan tiegħu fis-siegħa ta' wara nofs inhar, u li ma kellux l-opportunità li javża lill-attur, li ma kienx ġie notifikat li kellha ssir dik is-seduta, *u għalhekk huwa għamel oppożizzjoni* li ssir dik is-seduta, tant għall-aċċennata raġuni, kemm ukoll għaliex ix-xhieda għandha tiġi mogħtija oralment; u ddikjara għal hekk li kien qiegħed jirriżerva d-dritt li jitlob l-isfilz tar-rapport, u mbagħad irtira;

Fit-22 ta' Marzu 1952 l-attur, difatti, talab, bir-rikors fuq imsemmi, l-isfilz tar-rapport ta' Bosworth, u d-*dikjarazzjoni* tan-nullità tad-depożizzjoni tiegħu dwar dak ir-rapport;

L-attur ma ġiex notifikat bid-digriet tal-Qorti li ffissat l-imsemmija seduta quddiem l-Imħallef Supplenti, u lanqas ma ġie infurmat b'manjera oħra; u ma ħax parti fiha;

**Ikkunsidrat:**

Illi, kif sewwa ssottometta r-rikorrent, skond il-liġi l-eżami tax-xhieda għandu jsir "viva voce", u mhux leċitu lix-xhud ħlief li jiffriska l-memorja tiegħu b'kitba magħmula minnu nnifsu, jew minn ħadd ieħor taħt id-direzzjoni tiegħu, fiż-żmien tal-fatt li fuqu jkun qiegħed jiddeponi, jew minnufih wara, jew f'kull żmien ieħor meta l-att kien frisk f'moħ-

hu; mentri fil-każ preżenti, l-imsemmi Bosworth kiteb, wara li xehed, u immedjatament qabel ma kompla jixhed fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1952, ix-xhieda li kellu jagħti f'dik is-seduta, u f'dik l-istess seduta kkonferma bil-ġurament tiegħu dak li "statament" bil-miktub li kien għamel — dak li ma jistax isir skond ir-regoli tal-liġi, li huma intiżi biex jirrendu dejjem aktar attendibili u sinċiera d-depożizzjoni tat-testimoni. "Il testimone che non sia muto deve rispondere a voce. Egli non può leggere risposte preparate in iscritto. Il giudice procedente può però permettergli di ricorrere a note o memorie quando lo richiedono la qualità dello stesso testimone o la natura della causa" (Mattirolo, 2, 562, 633);

Illi inoltre, fil-każ in diżamina, ir-rikorrent ma ġiex notifikat bl-imsemmija seduta li ġiet fissata għas-17 ta' Marzu fit-3 ta' wara nofs inhar, li fiha l-imsemmi Bosworth ikkonferma bil-ġurament li "statement" miktub li kien għamel ftit qabel. Il-fatt li siegħa u nofs qabel ma saret dik is-seduta l-avukat tiegħu ġie infurmat biha mill-iskrivan tiegħu, ma għandu l-ebda importanza, għaliex hija ħaġa elementari li bl-attijiet tal-Qorti għandhom jiġu notifikati l-partijiet, u mhux id-difensuri. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent ma ħax parti f'dik is-seduta, għaliex ma kienx jaf biha, u b'hekk huwa kien ġie privat mid-dritt li tagħtih il-liġi li jagħmel il-kontroeżami lix-xhud;

Illi għalhekk id-depożizzjoni ta' l-imsemmi Bosworth, mogħtija quddiem l-Imħallef Supplenti fis-seduta tas-17 ta' Marzu 1952, mhix skond ir-regoli tal-proċedura, u kwindi, kif tirritjeni d-dottrina, hija nulla;

Għaldaqstant;

Tiddikjara nulla d-depożizzjoni mogħtija mill-imsemmi Bosworth fl-imsemmija seduta tas-17 ta' Marzu 1952 quddiem l-Imħallef Supplenti, u kwindi tordna l-isfilz ta' li "statement" konfermat mix-xhud f'dik is-seduta; u hekk tilqa' t-talbiet kontenuti fir-rikors fuq imsemmi ta' l-attur.

---